SANTA LUĊIJA

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Santa Luċija

**It-Tmien Leġislatura**

**Laqgħa Numru 16-20**

**23 ta' Lulju 2020**

Il-Kunsill Lokali ta' Santa Luċija ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 5/6 Binja tal-Faqqani, Trejqet il-Ġirasol Santa Luċija fil-5.00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Charmaine St John – Sindku
Frederick Cutajar – Viċi Sindku
Kylie D'Amato - Kunsilliera

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**
Terrence Ellul - Kunsillier
Liam Sciberras - Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Caroline Silvio – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku, Charmaine St John ippresjediet il-laqgħa.

**16.1 Qari ta' ittri ta' Apoloġiji**

**16.1.1 *E-mail* tal-Kunsillier Ellul**

Is-Sindku qrat l-*e-mail* ta' apoloġija tal-Kunsillier Ellul u qalet li ser tkun qed titkellem aktar tard waqt il-laqgħa dwar nota fir-rigward ta' żbir ta' siġar li ssemmew fl-istess *e-mail*.

**16.1.2 E-mail tal-Kunsillier Sciberras**

Is-Sindku qrat *e-mail* ta' apoloġija tal-Kunsillier Sciberras u ippronijiet li l-mistoqsijiet tal-Kunsillier Sciberras li ma ġewx imwieġba fil-laqgħa preċedenti għandhom jiġu diskussi flimkien mal-mistoqsijiet mill-Kunsilliera skond l-Aġenda ta' din il-laqgħa. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta.

**16.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa numru 15-20**

**16.2.1 *Ringrazzjament mill-Viċi Sindku***

Il-Viċi Sindku irringrazzja l-Kunsill tal-kondoljanzi għall-mewt tal-għażiża ommu.

**16.2.2 *Xogħol ta' manutenzjoni fi Ġnien is-Serenita'***

Il-Viċi Sindku irrefera għall-minuta 15.3.1 tal-laqgħa preċedenti u għall-kummenti tal-Kunsillier Ellul fir-rigward tax-xogħol ta' manutenzjoni li sar fi Ġnien is-Serenita'. Huwa qal li l-funtana tal-ġnien kienet tinsab fi stat ta' abbandun. Huwa qal lid-dwal li kien hemm fl-i*store* ma servewx u riedu jiġu ordnati dwal ġodda. Sfortunatament dawn ġew ħżiena u kellhom jintbgħatu lura u ġew ordnati oħrajn ġodda li ser jaslu dalwaqt. Dwar ix-xogħol fuq il-pompi u l-pond tal-ġnien qed isir xogħol intensiv mill-ħaddiema tal-MSD liema xogħol jingħata lill-Kunsill mingħajr ħlas.

Rigward il-proposta tal-Kunsill biex dan il-ġnien jiġi dikjarat bħala żona turistika, il-Viċi Sindku qal li din il-proposta ser tiġi diskussa ġimgħatejn oħra. Il-Viċi Sindku qal ukoll li l-Awtorita' Dwar it-Turiżmu ser tkun qed tagħmel xogħol ta' tindif madwar il-Klabb tal-Boċċi.

**16.2.3** ***Talba biex titneħħa lampa fuq bracket fi Triq il-Fortizza***

Is-Sindku irreferit għall-minuta' 15.5.4 tal-laqgħa preċedenti u qalet li tkellmet mar-resident li qiegħed jagħmel din it-talba. Hija qalet li mhux ser isir xogħol fuq il-faċċata tad-dar iżda s-sid tad-dar irid ineħħi din il-*bracket* minn mal-faċċata b'mod permanenti. Saret diskussjoni u ġie deċiż li ssir konsultazzjoni mal-kuntrattur tal-i*street lighting* biex jiġi stabbilit jekk din il-lampa tistax issir fuq arblu.

**16.2.4** ***Rapport Finanzjarju għall-ewwel kwart tas-sena 2020***

Il-Viċi Sindku irrefera għall-minuta' 15.4 u qal li xtaq jagħmel punt dwar id-*depreciation* tal-bini. Huwa qal li l-Kunsill għandu jikteb lid-Direttur Ġenerali dwar l-assi tal-Kunsill fejn il-bini mhux qed jiġi irreġistrat bil-valur realistiku tiegħu.

**16.2.5** ***Approvazzjoni tal-Minuti***

Il-minuti tal-laqgħa numru 15-20 ġew approvati fuq proposta tas-Sindku Charmaine St John issekondata mill-Viċi Sindku Frederick Cutajar.

**16.3 Affarijiet Finanzjarji u Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti**

**16.3.1** ***Approvazzjoni tal-iskeda ta' Pagamenti***

Il-Kunsill approva l-Iskeda ta' Pagamenti numru CM16-20 għall-perjodu bejn l-24 ta' Ġunju 2020 sal-21 ta' Lulju 2020 u minn *cheque* numru BOV 8168 sa *cheque* numru BOV 8205.

**16.4 Kommunikazzjonijiet**

**16.4.1** ***Rapport fuq il-Management Letter***

Il-Kunsill iddiskuta' it-tweġiba tal-Kunsill għall-Manangement Letter fir-rigward tal-awditjar tas-sena finanzjarja 2019. Is-Segretarju Eżekuttiv irreferit għal punti prinċipali ta' din il-Management Letter u spjegat kif kien qed iwieġeb il-Kunsill għal dawn il-punti. Il-Kunsill approva dan ir-rapport. Ġie deċiż li t-tweġiba tal-Kunsill għandha tinbgħat lill-membri tal-Kunsill.

**16.4.2** ***Proġett tal-Basketball Pitch***

Is-Sindku infurmat lill-Kunsill li ġiet sottomessa l-applikazzjoni biex isir *embellishment* tal-*basketball pitch* fl-*area* tal-*playing field* u ssir kostruzzjoni ta' rampa biex ikun hemm aċċess aħjar għal din il-faċilita'. Is-Sindku qalet li l-pass li jmiss huwa li l-Kunsill iġib il-*clearance* mill-Awtorita' tal-Artijiet biex tkun tista tkompli tiġi ipproċessata din l-applikazzjoni.

**16.4.3** ***Applikazzjoni għal żvilupp fuq l-arja tal-Berġa***

Is-Sindku irreferit għall-applikazzjoni bir-referenza PA/0283020 biex isir żvilupp fil-bini tal-Berġa u jinbena sular fuq il-binja eżistenti. Hija qalet li l-Kunsill qed jintalab iħallas Planning Gain ta' €5000.00 liema fondi jmorru fl-Urban Improvement Fund u jintuzaw fuq proġetti *green*. Is-Sindku qalet li l-perit ser jissottometti applikazzjoni għar-rikonsiderazzjoni tal-Awtorita' tal-Ippjanar biex jitnaqqas l-ammont dovut fuq bażi li din il-binja tintuża biss fi ġranet u ħinijiet stabbiliti u mhux il-ħin kollu. Qamet diskussjoni dwar dan il-proġett. Is-Sindku qalet li biex il-Kunsill iġib l-arja ta' fuq il-Berġa, l-ewwel iridu jirrilaxxawha il-Primary Health Care u qalet li l-Awtorita tal-Artijiet ser toffrilhom ir-*right of first refusal*. Il-Viċi Sindku ikkummenta li jaħseb li dan il-proġett li għalih il-Kunsill diġa nefaq €1500.00 huwa suġġett għall-approvazzjoni tal-Primary Health Care minħabba l-aċċessibilita' għat-tieni sular. Huwa qal li dan ikompli jikkonvinċih li l-Kunsill għandu jpoġġi bilqegħda mal-Awtoritajiet tal-Gvern Ċentrali dwar il-proġett taċ-Ċentru tal-Kommunita'.

Fir-rigward tal-Urban Improvement Fund, is-Sur Cutajar qal li l-Kunsill għandu jara jekk huwiex intitolat għal fondi tal-UIF fir-rigward tal-proġett tal-mini fi Triq tal-Barrani li biex isir ittieħdet parti sostanzjali mill-Jogging Track.

**16.4.4** ***Kostruzzjoni ta' Rampa fi Triq Maria De Domenicis***

Is-Sindku irreferit għall-proposta biex tiġi imneħħija ir-rampa eżistenti u issir kostruzzjoni ta' rampa aktar baxxa minn dik li hemm preżentament fi Triq Maria De Domenicis. Ġiet ippreżentata pjanta *draft* ta' din r-rampa kif proposta. Is-Sindku qalet li ser tkun qed tiltaqa' mal-perit *on site* biex jiġi stabbilti l-effett ta' din ir-rampa fuq il-garaxxijiet.

**16.4.5** ***Inizjattivi Ambjentali 2020***

Is-Sindku irreferit għal skema maħruġa mir-Reġjun Nofsinhar fejn il-Kunsill jista' jingħata sa massimu ta' €5000.00 f'fondi li jistgħu jintużaw fuq l-proġetti ambjentali bil-għajnuna tad-Development Planning Fund jew fuq l-inizjattiva Slow Streets. Il-Kunsill iddiskuta din l-iskema u qabel li dawn il-fondi għandhom jiżdiedu ma' dawk li għandu disponibbli għalih il-Kunsill taħt id-Development Planning Fund.

**16.4.6** ***Ħarġa għall-Kemmuna***

Is-Sindku infurmat lill-Kunsill li kienet ser torganizza ħarġa għall-Kemmuna fis-26 ta' Awissu 2020. Is-Sindku tat id-dettalji marbuta ma' din l-attivita. Il-Kunsill approva din l-inizjattiva.

**16.4.7** ***Skema LC Care***

Is-Sindku stiednet lill-Kunsilliera Kylie D'Amato biex tinforma l-Kunsill dwar il-laqgħa li saret ma' l-*cat feeders* nhar is-Sibt, 18 Lulju 2020 li għaliha attenda wkoll il-Kunsillier Liam Sciberras. Il-Kunsilliera D'Amato qalet li l-*areas* identifikati mill-Kunsill għal din l-iskema jista' jkun li m'humiex daqshekk vijabbli minħabba li huwa diffiċli li tressaq il-*colonies* ta' qtates *stray*. Hija qalet li b'konsultazzjoni mal-*feeders* ser tkun qed tiddentifika xi tibdel li hemm bżonn biex wara l-awtoritajiet responsabbli mill-iskema jkunu jistgħu jiġu infurmati b'dan it-tibdil.

Rigward l-ikel għal qtates hija qalet li ser tkun qed tara kif l-aħjar li jsir minħabba l-*vouchers* tal-ikel. Hija qalet li ser tkun qed tipproponi l-aħjar tlett *suppliers* minn fejn jinxtraw dawn il-*vouchers* wara li jitqies il-kwalita tal-ikel u kollox u mhux biss il-prezz.

**16.4.8** ***Marki tat-Toroq fi Triq Znuber***

Is-Sindku rreferit għal marki tat-toroq fi Triq Żnuber li għadhom ma sarux minkejja lix-xogħol ta' kisi mill-ġdid ta' *tarmac* f'din it-triq kien ilu li tlesta. Hija qalet li l-ewwel il-Kunsill kien ġie infurmat minn Infrastructure Malta li jista juża l-Kuntrattur tiegħu u wara li saru l-arranġamenti meħtieġa il-Kunsill ġie infurmat minn Infrastructure Malta li l-marki tat-toroq ser isiru mill-kuntrattur li ħadem f'din it-triq permezz ta' *subcontrator* tiegħu. Is-

Sindku qalet li huwa ppjanat li dawn il-marki tat-toroq ser isiru il-ġimgħa li ġejja.

**16.4.9** ***Ġieħ Santa Luċija***

Is-Sindku rreferit għall-għoti ta' Ġieħ Santa Luċija li kif ġie stabbilt fil-laqgħa preċedenti, din is-sena ser isir f'Diċembru minħabba iċ-Ċirkustanzi tal-Pandemija tal-Covid. Saret diskussjoni u ġie deċiż li fix-xahar ta' Settembru ta' din is-sena jinħatar kumitat tan-nomini għall-għoti ta' dan il-Ġieħ. Ġie deċiż ukoll li dan il-Ġieħ jingħata waqt Kunċert tal-Milied li jiġi organizzat għall-okkażjoni. Qamet diskussjoni dwar il-Presepju tal-Milied u saru wkoll xi proposti f'dan ir-rigward. Is-Sindku qalet li l-Kunsill qed jistenna l-kwotazzjoni tal-ispiża nvoluta li qed jaħdem fuqha il-Kunsillier Terrence Ellul.

**16.4.10** ***Clean Up Day***

Is-Sindku infurmat lill-Kunsill li kienet ser tkun qed torganizzata Clean Up Day fil-21 ta' Settembru 2020. Hija qalet li tispera li sa dak inhar toħroġ skema ta' fondi għal din l-attivita' bħal ma sar fi snin preċedenti.

**16.4.11** ***Attivita' tas-Supporters Club tal-Football***

Is-Sindku infurmat lill-Kunsill dwar proposta li ressaq il-Kunsillier Ellul għan-nom tas-Supporters Club tal-Football li ser jorganzaw BBQ fi Vjal Oleandri f' Awissu 2020. Fil-proposta tiegħu s-Sur Ellul kiteb li ser jintalab permess biex tingħalaq it-triq u biex il-Kunsill jagħmel l-arranġamenti biex ikun hemm *mobile toilets* għal waqt din l-attivita'. Il-Kunsill iddiskuta din il-proposta u ġie nutat li l-permess biex tingħalaq it-triq irid jinġieb mill-għassa tal-pulizija u l-Kunsill jagħti *no objection* għal dan il-permess. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni fir-rigward tal-*mobile toilets*.

**16.4.12** **Ħarġa għat-Tfal u Kbar**

Is-Sindku ipproponiet li tiġi organizzata ħarġa għat-tfal u għal kbar fl-Esplora. Saru xi proposti oħra dwar fejn għandha tiġi organizzata din l-attivita. Hija qalet li ser torganizza din l-attivita' u żżomm lill-Kunsill infurmat bid-dettalji.

**16.4.13 Servizz ta' Coaching tal-Football għat-Tfal ta' Santa Luċija**

Is-Sindku qalet li fuq talba tagħha, il-*coach* li bħalissa qed jorġanizza sezzjonijiet ta' *coaching* tal-*football* għat-tfal fil-5-a-side Football Pitch issottometta kwotazzjoni għal servizz ta' *coaching* li tammonta għal 30 euro kull sezzjoni. Il-Kunsill qabel li jsiru dawn is-sezzjonijiet sakemm in-numru ta' parteċipanti ma jkunx anqas minn tmienja.

**16.4.14 *Zumba Lessons Big Event***

Is-Sindku infurmat il-Kunsill li l-*instructor* li jieħu ħsieb iż-Żumba *lessons* f'Santa Lucija stieden lir-residenti biex jattendu għal Big Event li ser jiġi organizzat minn Kunsill ieħor. Hija pproponiet li l-Kunsill jipprovdu t-trasport għal din l-attivita'. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta.

**16.4.15 *Siġra taċ-Ċipress fi Triq Prinjoli***

Is-Sindku qalet li saret talba biex tinqala sigra ta' Ċipress fi Triq Prinjoli u hija nfurmata li din is-siġra hemm risklu li taqa'. Hija qalet li intalab il-parir tal-ERA li infumrmaw lill-Kunsill biex japplikaw u l-applikazzjoni trid tkun tinkludi rapport minn *horticulturist*. Is-Sindku ippreżentat dan ir-rapport u qratu waqt il-laqgħa. Saret diskussjoni dwar il-kontenut ta' dan ir-rapport u l-Kunsill qabel li japplika għal permess u jimxi fuq ir-rakkomandazzjoni tal-ERA f'dan ir-rigward.

**16.4.16 *Oħrajn***

- Il-Kunsill approva talba biex isir *railing* fuq il-bankina quddiem l-iskola tas-Saint Francis f'Dawret it-Torri
- Il-Kunsill qabel li jitlob aktar informazzjoni fuq proposta ta' sezzjonijiet ta' tpinġija fi Ġnien is-Serenita'
- Il-Kunsill qabel li l-avviż dwar l-attivita' Pageant of the Seas jinħareġ għall-pubbliku

**16.5 Business Plan 2020-2025**

Is-Sindku irreferit għall-Business Plan għal ħames snin li ġejjin u ipproponiet li ssir laqgħa apposta biex il-Kunsill jiddiskuti aktar proposti li għandu jinkludi fil-pjanijiet tiegħu għas-snin imsemmija.

**16.6 Premises tal-Librerija Pubblika f'Santa Luċija**

Is-Sindku infurmat dwar ittra bl-avukat li rċieva l-Kunsill għan-nom tas-sid tal-fond li l-Kunsill jikri u juża bħala librerija pubblika. Hija qalet li s-sid trid tbiegħ dan il-fond u qed toffri ir-*right of first refusal* lill-Kunsill. Saret diskussjoni u issemmew diversi *options* li l-Kunsill jista jikkunsidra qabel jieħu deċizjoni. Is-Sindku qalet li l-Kunsill qed jistenna pariri mingħand il-perit kif ukoll mingħand l-avukat f'dan ir-rigward biex ikun f'pożizzjoni aħjar biex jiddeċiedi.

**16.7 SLLC PKG(57-20-03) Tindif u Żamma ta' Parks, Ġonna, u Soft Areas fil-Lokalita' ta' Santa Luċija – rapport ta' Evalwazzjoni**

Is-Sindku qalet li waqt laqgħa tal-Kumitat tal-Evalwazzjoni fuq din is-sejħa ġie deċiż li issir talba għal kjarifikazzjoni fuq l-offerta ta' tnejn mill-offerenti. Hija qalet li t-talba għall-kjarifikazzjoni saret u ġiet imwieġba mill-kuntratturi involuti. Hija ħeġġet lill-kumitat tal-evalwazzjoni biex jipproċedi bl-evalwazzjoni ta' din is-sejħa.

**16.8 SLLC DPO(57-20-03) Data Protection Officer**

Is-Sindku qalet li r-rapport ta' evalwazzjoni ma setax jitressaq minħabba li l-evalwazzjoni ta' din l-offerta għadha mhix konkluża. Hija saħqet fuq l-importanza li issir l-evalwazzjoni *online* ħalli l-Kunsill ikun jista jipproċedi bil-proċess biex tiġi *awarded* din is-sejħa.

**16.9 Kuntratt Street Lighting – Proposta Reġjun Nofsinhar**

Is-Sindku tkellmet dwar ħidma mir-Reġjun Nofsinhar biex joħroġ sejħa pubblika għall-kuntratt hawn fuq imsemmi fuq bażi reġjonali. Hija qalet li l-Kunsill qed jintalab jikkonferma jekk hux ser jidħol għal din is-sejħa. Saret diskussjoni dwar jekk il-Kunsill għandux jipproċedi bis-sejħa li ħareġ fuq l-epps għal dan is-servizz. Fuq proposta tas-Sindku issekondata mill-Viċi Sindku il-Kunsill qabel li jibqa għaddej bl-evalwazzjoni tas-sejħa pubblika għal dan is-servizz.

**16.10** ***Rapporti***

Waqt din il-laqgħa ġew ippreżentati dawn ir-rapporti:

- Rapport ta' kull xahar maħruġ mill-Contract Manager tal-Kunsill li jinkludi rapport għax-xahar ta' Ġunju 2020, *Workplan* għax xahar ta' Lulju 2020 kif ukoll rendikont tal-ħidma marbuta ma' dan is-servizz għax-xahar ta' Ġunju 2020

Il-Kunsill ikkonferma wkoll dawn il-Memos:

- Memo SLLC 20-2020 – Evaluation Committee
- Memo SLLC 21-2020 – Użu tal-5-a-side football pitch
- Memo SLLC 22-2020 – Tneħħija tal-Enclosure f'Wied Garnaw
- Memo SLLC 23-2020 – Slow Streets

**16.11 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera li rċieva l-Kunsill permezz ta' *e-mails***

**16.11.1 Mistoqsija mill-Kunsillier Sciberras dwar ix-shuttle service**

Il-Kunsilllier Sciberras staqsa dwar jekk hux possibli li s-*shuttle service* iwaqqaf in-nies fejn Carters Supermarket.

Is-Sindku wieġbet li dan irid jiġi diskuss ma' Infrastructure Malta li tipprovdi dan is-servizz. Hija qalet li mhux possibli li jtella n-nies għax fi triq lura għal Santa Luċija ir-rotta tgħaddi minn Ħal Tarxien.

**16.11.2 Mistoqsija mill-Kunsillier Sciberras dwar il-Fond Patrimonju**

Il-Kunsillier Sciberras staqsa jekk il-Kunsill jistax juża fond ta' patrimonju għal Kunsilli Lokali li tkellem dwaru l-Ministru Hose Herrera biex tiġi restawrata l-*area* tal-monument fi Triq Gardenja li sar bi fdalijiet tat-Teatru Rjal.

Saret diskussjoni u l-Viċi Sindku qal li ser iħejji stima biex meta joħorġu dawn il-fondi, il-Kunsill ikollu kollox lest.

**16.11.3 Mistoqsija tal-Kunsillier Sciberras dwar *Housing* Soċjali**

Il-Kunsillier Sciberras staqsa jekk il-binjiet tal-Gvern f'Santa Luċija hux ser jibbenefikaw minn investiment ta' €430,000.00 li ser isir fuq seba' u sebgħin blokka tal-*housing* soċjali f'16-il lokalita' differenti.

Is-Sindku qalet li bagħtet *e-mail* lis-CEO u ġiet infurmata li l-lokalita' ta' Santa Luċija mhix inkluża f'dan il-proġett.

**16.11.4 Mistoqsija tal-Kunsillier Sciberras dwar *parking bays* tal-Go To**

Il-Kunsillier Sciberras staqsa kemm intużaw il-karozzi Go To minn Santa Luċija u jekk għad hemmx *parking spaces* allokati għalihom.

Is-Sindku qalet li l-Kunsill ser jikteb lill din il-kumpanija biex tara liema *parking bays* qed jintużaw għal dan il-għan.

**16.11.5 Mistoqsija mill-Kunsillier Sciberras dwar il-proġett tal-mini f'Tal Barrani**

Il-Kunsillier Sciberras staqsa f'termini ta' ġranet / ġimgħat u xhur kemm dan il-proġett ser jiġi *delayed* minħabba l-pandemija.

Is-Sindku qalet li din il-mistoqsija ġiet imwieġba minn Infrastructure Malta u jidher li minkejja l-pandemija Infrastructure Malta xorta qed timmira li tlesti x-xogħolijiet kollha li għad fadal sal-aħħar tas-sena kif ippjanat oriġinarjament. It-tweġiba dettaljata ta' Infrastructure Malta dwar l-andament tal-proġett għandha tinbgħat lill membri kollha tal-Kunsill.

**16.11.6 Mistoqsija tal-Kunsillier Ellul dwar ħinijiet tal-għeluq tal-5-a-side football pitch**

Il-Kunsillier Ellul kiteb li kellmuh xi nies biex il-5-a-side *football pitch* jibqa miftuħ sad-9.00 ta' filgħaxija u fi tmiem il-ġimgħa jinfetaħ ukoll filgħaxija.

Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni għal din il-proposta.

**16.11.7 Mistoqsija tal-Kunsillier Ellul dwar żbir ta' siġar**

Il-Kunsillier Ellul kiteb dwar siġar li nżabru fi Triq Inez Soler u staqsa jekk dawn kellhomx jinżabru hekk u għala l-Kunsill ma ġiex ikkonsultat. Huwa irrefera għal siġra li kienet inżabret fi Pjazza 7 ta' Lulju li dwarha kienet sar eloġju kbir.

Saret diskussjoni dwar dawn is-siġar u s-Sindku qalet li meta staqsiet qalula li dawn is-siġar hekk jinżabru. Hija qalet li saret konsultazzjoni u nġib il-permess tal-ERA u resqet kwotazzjoni għal approvazzjoni tal-Kunsill fuq dan ix-xogħol li ġiet approvata fil-laqgħa preċedenti.

Il-Viċi Sindku qal li s-siġra tal-Prinjol li kienet inżabret fi Pjazza 7 ta' Lulju kienet toffri dell għall-anzjani li kienu jpoġġu fuq il-bank għad-dell ta' din is-siġra. Huwa spjega li dawn is-siġar mhumiex protetti u sar *rejuvenation*

tagħhom biex fi żmien sena jergħu jsiru sbieħ bħal dawk ta' madwar il-*football ground*.

**16.11.8 Mistoqsija tal-Kunsilliera D'Amato**

Il-Kunsillliera D'Amato staqsiet dwar *parking spaces* għal muturi u staqsiet fejn jista' jsiru aktar minn dawn il-*parking spaces*. Is-Sindku qalet li saru tnejn fi Triq Znuber u ser issir applikazzjoni biex isir ieħor fi Triq l-Għansar. Qamet diskussjoni u ġie deċiż li kull meta jkun hemm talba għal *parking bay* tal-muturi il-Kunsill jikkunsidraha.

**16.11.9 Mistoqsija tal-Kunsillier D'Amato**

Il-Kunsilliera D'Amato irreferit għall-inizjattiva *green spaces* li saret fi Pjazza Dorell flimkien mal-Girl Guides. Hija staqsiet jekk din l-inizjattiva tistax issir ukoll f'*area* oħra u pproponiet il-Pjazza fi Triq il-Ġilju. Il-Kunsilliera D'Amato qalet li l-NGO Friends of the Earth Malta joffru għajnuna lill-Kunsilli Lokali fuq dawn il-proġetti. Il-Kunsill qabel li għandha ssir laqgħa ma din l-NGO fuq din l-inizjattiva.

***16.12 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss***

Il-laqgħa ntemmet fis-8.30p.m. Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar il-Ħamis, 20 ta' Awissu fil-5.00p.m.

**Konfermati, illum il-__________, __ ta' ____________ 2020**

| | |
|---|---|
| **Iffirmat** | **Iffirmat** |
| **Charmaine St John** | **Caroline Silvio** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |